MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1756/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Louis Darmanin, sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Louis Darmanin**

**vs**

**Joseph Pace**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Settembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' seba mija u hmistax Liri Maltin u sebgha u tmenin centezmi (Lm715.87), jew somma ohra verjuri, li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jakkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, liema somma tirraprezenta danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-4 ta' Novembru 2002 fi Triq San Pietru, Fgura bejn il-vettura

bin-numru tar-registrazzjoni DAR 781 misjuqa minn Maria Grazia Darmanin u proprieta` tal-attur Louis Darmanin, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAO 218, misjuqa mill-konvenut, prevja id-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

Il-konvenut ghalkemm interpellat, anke permezz ta’ ittra ufficjali tat-8 t’Ottubru 2003, baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Ottubru 2003, ipprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ asskurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mija u hmistax Liri Maltin u sebgha u tmenin centezmi (Lm715.87), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Ottubru 2003, ipprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ asskurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------